# ĠULJU ĊESRI

TA' W. SHAKESPEARE

(Qlib ta' *VALENTIN V. BARBARA O.P.*)

*Jaqbad mal-għadd* 251-253

Dehra II. Misraħ.

Daqq ta' trombi. Jidħlu ĊESRI; ANTONJU, imhejji għall-ġirja mqaddsa; KALPURNJA; PORZJA; DEĊJU; ĊIĊERUNI; BRUTU; KASSJU; u KASKA; kotra kbira ta' nies warajhom, fosthom SAĦĦAR.

ĊESRI. Kalpurnja,—
ĊESRI Kalpurnja,—
QASKA. Ċesri tkellem, skiet! (*Mużika tieqaf*)
KALP. Hawn, ja sidi.
ĊESRI. Qis li ssib ruħek fit-triq sew t'Antonju
Xħin dan ikun għaddej fil-ġirja. Antonju!
Ant. Ċesri, ja sidi?
ĊESRI. Antonju, la tinsiex fil-ġirja tiegħek
Tmiss lil Kalpurnja; għaliex jgħidu x-xjuħ
Li l-ħwieli, milqutin f'dil-ġirja mqaddsa,
Jeħilsu minn dis-saħta.
ANT. Dan niftakru:
'Kk Ċesri jgħid, "Agħmlu dan," ikun magħmul.
ĊESRI. Imxu, tħallux xi ċerimonja barra. (*Mużka*).
SAĦĦAR. Ċesri!
ĊESRI. Ah! Min sejjaħ?
KASKA. Jieqaf kull ħoss: jiskot kulħadd darb'oħra!
ĊESRI. Min hu dak li mill-kotra qed isieħli!
Jien nisma' lsien, aktar irqiq mill-mużka,
Jgħid, "Ċesri!" Tkellem; Ċesri dar biex jisma'.
SAĦĦAR. Barri l-ħmistax ta' Marzu.
ĊESRI. Min hu dan?
BRUTU. Saħħar ibeżżgħek mill-ħmistax ta' Marzu.
ĊESRI. Ġibuh quddiemi ħalli nara 'l wiċċu.
KASS. Oħroġ mill-kotra, erfa' għajnejk lejn Ċesri.
ĊESRI. X'għadek kemm għidtli? Tkellem għaldarb'oħra.
SAĦĦ. Barri l-ħmistax ta' Marzu.
ĊESRI. Dan xi ħalliem; ejja nħalluh: oħorġu.
(*Trombi. Joħorġu lkoll barra* BRUTU *u* KASSJU.
KASS. Int sejjer biex tarah tqassim il-ġirja?

BRUTU. Mhux jien.
KASS. Nitolbok, mur.
BRUTU. Ma nħobbx il-logħ'b: għax jien tonqosni biċċa
Mir-ruħ ħafifa li tinsab f'Antonju.
Ma rridx infixkel. Kassju, ix-xewqat tiegħek;
Jien se nħallik.
KASS. Brutu, ma nafx kif qed narak dan l-aħħar miegħi:
Għalija għajneik ma baqgħalhomx il-ħlewwa
U ta' l-imħabba x-xhud, li kont turini:
Qed tagħfas id wisq iebsa u barranija
Fuq il-ħabib li għadu jħobbok.
BRUTU. Kassju,
La titqarraqx: jekk ħarsti hija miksura,
Il-bixra mnikkta tiegħi tixħed tajjeb
Dak li nħoss fija. Għax ninsab imħawwad
Dawn l-aħħar ġranet b'aktar minn hemm wieħed,
Bi ħsibijiet li jolqtu lili waħdi,
Li, naħseb, jgħarrqu ftit l-imġiba tiegħi.
Iżda m'għandhomx għalhekk jitnikktu ħbiebi
(Li fosthom, Kassju, jiena wkoll ngħodd lilek),
W anqas jifhmu xort'oħra l-bruda tiegħi.
Jekk Brutu msejken, bih innifsu mħabbat,
Imħabbtu jinsa juri lill-oħrajn.
KASS. Immela, Brutu, jien tqarraqt wisq fuqek;
U kien imħabba f'hekk li s-sider tiegħi
Difen ħsibijiet għolja u tħassib siewi.
Għid, twajjeb Brutu, tista' tara 'l wiċċek?
BRUTU. Le, Kassju: ħadd ma jara lilu nnifsu
Jekk mhux b'xi mera, inkella b'xi ħaġ'oħra.
KASS. Hekk hu:
Ħaġa li titħassarha wisq, ja Brutu,
Li int m'għandekx miria bħal dawn li juru
F'għajneik is-siwi moħbi tiegħek, ħalli
Tilmaħ lilek innifsek. Jiena smajt
Li bosta mill-aħjar irġiel ta' Ruma
(Barra Ċesri immortali), isemmu 'l Brutu
U jingħu taħt il-madmad tqil ta' żmienna,
Xtaqu li Brutu jħares lejh innifsu.
BRUTU. F'liema tiġrib trid iddaħħalni, Kassju,
Jekk int iġġ'għalni ngħarrex fija nnifsi
U nfittex dak li fija ma jinsabx?
KASS. Immela, Brutu, oqgħod ftit ismagħni:
U jekk ma tistax tara s-sura tiegħek
Aħjar minn b'mera, jien, il-mera tiegħek,

Bil-ħlewwa nneħħi s-star sabiex nikxiflek
Dak l'int għadek ma tafx fuqek innifsek.
U taħsibx ħażin fija, twajjeb Brutu:
Kieku kont xi daħħak, jew b'ħalfa fiergħa
Inbigħ bi rħis imħabbti 'l kull min jiġi
Jurini ħbiberija; jekk qatt rajtni
Inżiegħel bil-bnedmin, ngħannaqhom miegħi,
Imbagħ'd ninqeda bihom; 'kk taf li qatt
Urejt fl-ikliet ħbubija 'l-karfa kollha,
Żommni bi bniedem li jeħtieġ taħirbu. (*Għajat minn ġewwa*).

BRUTU. Xi jfisser dan l-agħjat? Nibża' li n-nies
Għażlet lil Ċesri b'sultan tagħha.

KASS. Tibża'?
Mel'inti ma tixtieqx illi jkun hekk?

BRUTU. Le, Kassju; madankollu nħobbu ħafna.
Iżd'int għaliex qiegħed iżżommni miegħek
Hawnhekk fit-tul? Xinhu dak li trid tgħidli?
Jekk hi xi ħaġa tajba għall-ġid tal-kotra,
Urini l-ġieħ f'għajn waħda, u l-mewt fl-għajn l-oħra,
U jien inħares xorta lejn it-tnejn;
Għaliex, quddiem l-allat, wisq aktar ngħożż
L-isem tal-ġieħ milli tbeżżagħni l-mewt.

KASS. Li f'sidrek, Brutu, tħabbat qalb hekk kbira
Nafu hekk tajjeb daqs kemm naf lil wiċċek.
Tajjeb immela, fuq il-ġieħ se nkellmek.
Ma nistax ngħid kif int u l-bnedmin l-oħra
Tqisuha din il-ħajja; ngħid għalija,
Kont aktar nagħżel ma ngħix xejn, inkella
Nibqa' ngħix hekk mistagħġeb bija nnifsi.
Daqs Ċesri twelidt ħieles; hekk ġejt inti:
Daqsu mitmugħin tajjeb; u t-tnejn nistgħu
Nilqgħu l-ksieħ xitwi daqs kemm jilqgħu hu.
Għax darba, f'jum imqalleb b'riħ u xita,
It-Tevri mqanqla togħla għax-xtut minn tagħha,
Ġie Ċesri u qalli, "Għandek ħila, Kassju,
Taqbeż f'dan l-ilma mbergħen flimkien miegħi,
U tgħum san-naħa l-oħra?" Jien, ma' kelmtu,
Liebes kif kont, qbiżt niġri ġewwa x-xmara,
U għidtlu jiġi wrajja; hu hekk għamel.
Riegħed il-wied; w aħna ssarajna miegħu
B'dirgħajn qawwija, naqdfu u ngħoddsu rjusna
Ġo fih, bi qlub imhejja għat-taqbid:
Iżda qabel ma lħaqna x-xtajta l-oħra,
Ċesri talabni, "Għinni, għax se negħreq!"

Kif darba Eneja ta' qabilna ħataf
Min-nar ta' Troja fuq kitfejh 'l Ankiże,
Hekk jien tellajt mill-mewġ qalil tat-Tevri
Lil Ċesri, għajjien mejjet: u dal-bniedem
il-lum sar alla; u Kassju baqa' ħlejqa
imsejkna, li jenħtieġlu jniżżel rasu
'Kk Ċesri jfettillu jnares biered lejh.
Hu kellu d-deni meta kien fi Spanja,
U jien fl-aqwa tal-marda tiegħu imaħtu
Jitriegħed: tabilħaqq, dan alla triegħed:
Dawk ix-xofftejn bezziegħa tilfu lewnhom;
Dik l-istess għajn li l-lum qed tbażża' d-dinja
Rabbiet iż-żlieġa: jiena smajtu jingħi:
U dak il-lsien, li amar lir-Rumani
Jisimgħu minnu, u jniżżlu f'kotba kliemu,
Jien smajtu jgħid, "Titinju, tini nixrob,"
Bħal tifla ma tiflaħx. Allat! nistagħġeb
Kif bniedem hekk imsejken kellu l-ħila
Jisboq hekk f'qasir żmien did-dinja kbira
U waħdu biss iżomm il-palm tar-rebħ. (*Għajat minn ġewwa*).
BRUTU. Qed terġa' l-kotra tgħajjat!
Wisq naħseb li dal-ferħ huwa t-tifsira
Ta' xi ġieh ġdid imqiegħed fuq ras Ċesri.
KASS. X'tistenna! Bħal Koloss rikeb did-dinja
Dejqa minn tagħna, w aħna bnedmin ċkejkna
Ngħaddu minn taħt riġlejh m'ogħla hawn, u nħarsu
Madwarna, u nfittxu għalina qabar minsi.
Xi drabi l-bnedmin stess isawru triqthom:
Il-ħtija li aħna rsiera, għażiż Brutu,
Hi tagħna nfusna, u mhux tal-kwiekeb tagħna.
Brutu u Ċesri: x'jista' jkun hemm f'dak "Ċesri"?
Għaliex aktar minn tiegħek ismu msemmi?
Iktibhom ħdejn xulxin, it-tnejn sbieħ xorta;
Għidhom it-tnejn, jixirqu t-tnejn fil-fomm;
Fl-użin indaqs jiswew; ħaqqaq f'isimhom,
Brutu jdeħixlek ruħ malajr daqs Ċesri.
Għalhekk, f'isem allatna kollha f'daqqa,
X'ikel dan Ċesri tagħna qiegħed jiekol
Biex sar hekk kbir? Kif sirt, ja żmienna, mgħajjeb!
Ja Ruma, tlift il-ġidd ta' kull demm għali!
Qatt mid-dilluvju 'l hawn kien hemm żmien ieħor
Li baqa' mfaħħar biss f'ġieh bniedem wieħed?
Sata' qatt xi ħadd jgħid bħal-lum li Ruma
F'ħitanha wiesgħa ma wesgħetx ħlief bniedem?
Iss'hi Ruma tassew, u mkien biżżejjed

Li fih il-lum ma hemmx għajr bniedem wieħed.
O, int u jien smajnieħom lix-xjuħ tagħna
Jgħidu li darba kien hemm Brutu mhejji
Jaħmel xitan misħut jisserdek f'Ruma
Daqs kemm jaħmel sultan.
BRUTU. Li tħobbni tabilħaqq, jien qatt ma niċħdu;
Sa fejn tixtieq twassalni, nista' naħsbu:
Xi ħsibt fuq dak li għidtli u fuq daż-żmien
Ngħidlek fit-tul darb'oħra; imma għal issa,
F'ġieh imħabbitna, ma rridekx tissokta
Tqanqalni iżjed. Jiena dak li għidtli
Nisimgħu b'sabri, imbagħ'd insib ħin xieraq
Biex nisma' u nwieġeb ħwejjeġ hekk għoljin.
Sa dak il-waqt, ħabib, żomm sewwa f'rasek,
Li Brutu jagħżel illi jkun raħħal,
Milli jżomm lilu nnifsu b'iben Ruma
Taħt din il-qagħda mwiegħra li daż-żmien
Aktarx se jixħet fuqna
KASS. Ninsab ferħan li kliemi msejken kebbes
Xrariet ta' nar hekk qawwi f'sider Brutu.
BRUTU. Il-logħ'b intemm, u Ċesri rieġa' lura.
KASS. Xħin jgħaddu, 'l Kaska iġbdu ftit mill-komma,
Biex, kif jaf hu, jtarraflek fuq dak kollu
Li ġara l-lum, li tajjeb jekk tkun tafu.
(*Jerġa' jidħol ĊESRI u ta' madwaru*).
BRUTU. Hekk nagħmel, iva. — Iżda, hares, Kassju,
Qed nara jleqq il-għadab fuq ġbin Ċesri,
Dawk ta' madwaru qishom klieb mismuta:
Sfajrin ħaddejn Kalpurnja; u Ċiċeruni
Għajnejh qishom ta' nemes imkebbsin
Kif dlonk rajnieh fil-Kapitolju, meta
Xi senatur ikun merieħ fi kliemu.
KASS. Kaska dal-waqt jgħidilna sewwa x'ġara.
ĊESRI. Antonju!
ANTON. Ċesri?
ĊESRI. Madwari nixtieq nies li huma smien;
Nies b'x'għarhom mieles, u li l-lejl jorqduh.
Dak Kassju l-ħarsa tiegħu niexfa u mġewħa;
Hu jaħseb wisq; nies bħalu ibża' minnhom.
ANTON. Iżd'hu mhux bħalhom, Ċesri, tibżax minnu;
Hu Ruman nobbli u għandu qalbu f'idu.
ĊESRI. Mhux li kien eħxen! 'Ma ma nibżax minnu:
Jekk madankollu ismi sata' jibża',
Ma nafx lil min kont naħrab hekk malajr
Daqs dak il-magħlub Kassju. Jaqra ħafna;

U jgħarrex sewwa, u jħares b'għajn ta' seqer
F'għamil in-nies; ma jħobbx imur f'tijatri,
Bħalek, Antonju; u xejn ma jisma' mużka;
Jitbissem darba fil, u b'mod li taħsbu
Jiddieħek u jeħodha miegħu nnifsu
Għax hekk ħafif li għal kull xejn jitbissem.
Nies bħalu qatt ftit siem ma jkollhom f'qalbhom
Meta jaraw xi bniedem aqwa minnhom;
W għalhekk jenħtieġlek tibża' ħafna minnhom.
Jien aktar ngħidlek wieħed x'għandu jibża'
Minn x'nibża' jien; għaliex jien Ċesri dejjem.
Dur għal-lemin, għax trux minn din il-widna,
U għidli sewwa x'taħseb inti fuqu.

(*Trombi. Joħroġ* ĊESRI, *u ta' madwaru, barra* KASKA.

KASKA. Ġbidtni mil-komma; jaqaw trid tgħidli xi ħaġa?

BRUTU. Għidli ftit, Kaska, x'ġara l-lum biex Ċesri
Jidher hekk wiċċu mqarras?

KASKA. Kif! imma intom kontu miegħu, mhux tassew?

BRUTU. Kieku ma kontx nistaqsi 'l Kaska x'ġara.

KASKA. Ħeqq, riedu jagħtuh kuruna; u hu, meta ressquhielu, warrabha bid-dahar t'idu, hekk: imbagħad in-nies infexxet tgħajjat.

BRUTU. U t-tieni ħamba x'kienet?

KASKA. Ih, għalhekk ukoll.

KASS. Tliet darbiet għajtu: x'kienet l-aħħar għajta?

KASKA. Ara dan, imħabba f'hekk ukoll.

BRUTU. Għal tliet darbiet tawhielu dil-kuruna?

KASKA. Iva, mela! u hu għal tliet darbiet warrabha, kull darba aktar bil-ħlewwa minn qabel; u kull darba li beda jwarrabha, dawk in-nies twajba tagħna bdew igħajtu.

KASS. U min ried jagħtihielu?

KASKA. Sabiħa din, Antonju.

BRUTU. Għidilna sewwa x'ġara, twajjeb Kaska.

KASKA. Ma nafx ngħidlek sewwa sewwa kif ġrat dil-ħaġa: għalija ma kinetx ħlief biċċa bluha: jien ma stagħġibt xejn. Rajt lil Mark Antonju jnewwillu kuruna; — għad li ma kienet kuruna xejn, iżda waħda minn dawn il-klejliet żgħar; — u, bħalma għidtilkom, warrabha b'idu: iżda b'dan kollu, jidhirli jien, b'qalbu kollha kien jeħodha. Imbagħad ried jagħtihielu darb'oħra, u mill-ġdid reġa' warrabha; imma jien naħseb li subgħajh b'xejn ma riedu jinqalgħu minn fuqha. Imbagħad reġa' ressaqhielu għat-tielet darba, u għat-tielet darba reġa' warrabha: u kull darba li kien jiċħadha, il-karfa kienet tgħajjat u ċċapċap idejha mfellin bix-xogħol, u tgħolli l-brieret ta' bil-lejl kollha maħmuġin bil-għaraq, u joħorġu minn fommhom hekk nifs jinten, għax Ċesri ma laqax il-kuruna, li għal ftit ma ħan-

quhx; għax ħassu ħażin, u waqa' fl-art. Ngħid għalija, ma ssugrajtx nidħak, għax bżajt li niftaħ ħalqi u nibla' dik l-arja ħażina.

KASS. Bil-mod, nitolbok: kif, ħassu ħażin?

KASKA. Waqa' hemm fil-misraħ, beda joħroġ ħafna ragħwa minn ħalqu, u ma felaħx jitkellem.

BRUTU. Hekk jista' jkun: għax hu jagħtih tal-qamar.

KASS. Le, Ċesri mhux marid; iżd'int u jiena
U t-twajjeb Kaska morda b'mard il-qamar.

KASKA. Jiena ma nafx xi trid tgħid b'dan; imma li Ċesri waqa', rajtu b'għajnejja stess. U jekk mhux minnu li t-tajfa ċapċpitlu jew saffritlu, kull darba li huwa kien jogħġobha jew ma jogħġobhiex, bħalma mdorrijin jagħmlu ma' l-atturi fit-tijatru, jien miniex raġel li jgħid is-sewwa.

BRUTU. U taf tgħidilna x'qal wara li stejqer?

KASKA. Mela! qabel ma waqa', xħin feħem li dawk iċ-ċħatar ferħu għax ma laqax il-kuruna, fetaħ il-għonq tal-libsa u qalilhom biex jaqtgħulu gerżumtu. Kieku kont raġel tas-sengħa, nirrani mmur l-infern qalb il-ġwejjef kollha jekk ma kontx naħtfu fil-kelma. Imbagħad waqa'. Meta reġa' ġie f'tiegħu, qalilhom li jekk għamel jew qal xi ħaġa barra minn lokha, jixtieq li s-sinjurija tagħhom tagħder is-saħħa dgħajfa tiegħu. Tlieta jew erba' ċakkara, li kienu qrib tiegħi, qalu, "Miskin, kemm hu minn tagħna!" u ħafrulu b'qalbhom kollha; imma nies bħal dawn ma tridx tagħti każ tagħhom; kieku Ċesri qatlilhom 'l ommijiethom, xejn inqas ma kienu jagħmlu.

BRUTU. Kien wara dan li telaq b'wiċċu mqarras?

KASKA. Iva.

KASS. Qal xi ħaġa Ċiċerun?

KASKA. Iva, tkellem bil-Grieg.

KASS. Għalfejn?

KASKA. Min jaf! jekk ngħidlek għalfejn, ma nerġax inħares lejn wiċċek darb'oħra; imma dawk li fehmuh bdew jitbissmu wieħed lil ieħor, u jċaqilqu rashom; iżda min-naħa tiegħi, dak kien Grieg għalija. Nista' wkoll nagħtikom aħbarijiet oħrajn: Marullu u Flavju, għax neħħew it-tiżjin mix-xbihat ta' Ċesri, għalqulhom ħalqhom. Is-sliem għalikom. Kont ngħidilkom il-ħmerijiet l-oħra li ġraw kieku stajt niftakarhom.

KASS. Il-lejla tiġi tiekol miegħi, Kaska?

KASKA. Le, mistieden għand ħaddieħor.

KASS. Tiġi għall-ikla għada?

KASKA. Iva, jekk inkun għadni ħaj u inti tibqa' tiftakar, u jekk l-ikla tiegħek tkun xierqa.

KASS. Tajjeb: jien nistenniek.

KASKA. Hekk agħmel. Is-sliem għalikom. (*Joħroġ.*)

BRUTU. Ma nafx kif sar hekk biered dan il-bniedem!
Kien wisq fuq ruħu meta kien l-iskola.

KASS. Hekk għadu l-lum kull meta jaħsel jidħol
Għal xi biċċa xogħ'l iebsa u għolja ħafna,
Għalkemm minn barra aktarx taħsbu rieqed.
Imġibtu hi għal dehnu qisha ħwawar
Li jġiegħlu lill-bnedmin jixtarru kliemu
B'togħma wisq aktar bnina.

BRUTU. Iva, hekk hu. Jien se nħallik għal issa:
Għada, jekk jogħġbok li titkellem miegħi,
Niġi jien għandek; jew jekk tkun trid tiġi,
Ejj'għandi int, inkun qed nistenniek.

KASS. Niġi: sa dak il-ħin aħseb fiex aħna. (*Joħroġ* BRUTU.)
Brutu, int nobbli; madankollu naħseb
Li ruħek kbira għandha mnejn tintlewa
Minn dak li hi: għalhekk hi ħaġa xierqa
Li fehmiet kbar jagħmluha m'oħrajn bħalhom;
Għax min hekk sħiħ li ma jistax jitqarraq?
Ċesri ma jaħmilnix; 'ma 'l Brutu jħobbu:
Bħal issa li kont Brutu, u huwa Kassju,
Ma kontx nerħilu jżiegħel bija. Il-lejla
Nixħetlu minn ġot-twieqi bosta ittri,
B'kitba li waħda ma tkunx tixbah 'l oħra
Bħalkieku miktubin minn ħafna idejn,
Li kollha jkunu jfissru l-fehma għolja
Li Ruma għandha t'ismu; u ngħidlu fihom
Minn taħt kemm Ċesri jfittex li jitgħolla:
Imbagħ'd ħa jqiegħed Ċesri riġlu tajjeb.
Għax inqanqluh, jo' ż-żmien aktar jitgħajjeb. (*Joħroġ*).

---

## Kotba Mqaddsa

Ir-Rev. E. Sutcliffe, S.J., M.A., li joqgħod f'Heythrop College, Chipping Norton, Oxford, jixtieq jixtri in-numri 1, 2, 3, 4 u 10 tal-*Kotba Mqaddsa* tal-Prof. P. P. Saydon. Dawk li għandhom xi wieħed minn dan-numri jibagħtuh lilu jew lill-Editur ta' dal-ġurnal.